Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru 70/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Alan Axiak**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Alan Asciak, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 72684M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli nhar it-28 t'Awwissu, 2011, u xhur ta' qabel ġewwa Għawdex u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti anke jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz billi biddel is-sett ta' pjanċi tar-

registrazzjoni JAU 076 fuq vettura tat-tip Willys Jeep billi waħħal dan in-numru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni JAU 076 fuq vettura tat-tip Willys Jeep, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi saq vettura tat-tip Willys Jeep, meta in-numri tar-reġistrazzjoni kien JAU 076 li kienu jappartjenu għal vettura oħra, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmi vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kapitolu 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni għall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) fl-istess data, ħin u ċirkostanzi mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta jew mingħajr liċenzja tas-sewqan speċifikata għal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-reġistrazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2013, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), u mill-ewwel parti tal-hames (5) imputazzjoni [ċioe dik li tirrigwarda nuqqas ta' liċenzja tas-sewqan speċifikata għall-vettura], wara li rat Artikoli 15(1A), 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tat-tieni parti tal-

ħames (5) imputazzjoni [ċioe dik li tirrigwarda sewqan ta' vettura bla numru ta' reġistrazzjoni] miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundanatu multa komplessiva ta' tlitt elef Euro (€ 3000.00) u ordnat li l-imputat Alan Asciak jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta tal-għada.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Alan Asciak minnu ppreżentat fit-13 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel, u it-tieni imputazzjonijiet u minn l-ewwel parti tal-ħames imputazzjoni, u filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet il-ħtija fl-ewwel parti tat-tielet akkuża, fejn din hija naxxenti mill-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, (u mhux fejn din hija naxxenti mill-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta), tħassarha u tirrevokaha fil-bqija, billi tillibera lill-imputat mill-bqija ta' l-akkużi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-28 ta' Awwissu 2011 l-imputat ġie osservat minn uffiċjali tal-pulizija waqt li kien isuq vettura tal-marka Willys Jeep fi Triq Marsalforn f'Għawdex fid-direzzjoni tal-Menqa. Huwa ġie segwit mill-pulizija bil-vettura tagħhom sakemm interċettawh fi Pjazza San Pawl. Il-pulizija osservaw li l-vettura misjuqa mill-imputat ma kellhiex il-liċenzja tat-triq mwaħħla mal-*windscreen* u li l-pjanċi bin-numru ta' reġistrazzjoni JAU076 kienu mwaħħla mal-vettura bi strippi tal-plastik. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija rriżulta li l-pjanċi bin-numru JAU076 kienu jappartjenu għal vettura differenti minn dik misjuqa mill-imputat u ċioe' kienu jappartjenu lil vettura landrover li s-sid tagħha huwa George Axiaq, missier l-imputat. Irriżulta wkoll li l-Jeep imsemmija ma kienetx assigurata u ma kienetx reġistrata mal-Awtorita' Transport Malta.

**6.** L-aggravji tal-imputat appellant huma sostanzjalment is-segwenti:

1. **l-ewwel aggravju** hu fis-sens li l-appellant isostni li dik il-parti tat-tielet imputazzjoni indikata fit-taħrika bl-ittra (c) li tagħha nstab ħati, u ċioe' "dik naxxenti mill-Kapitolu 104, kif ukoll ir-raba imputazzjoni indikata fit-taħrika bl-ittra (d) li tagħha wkoll nstab ħati huma perenti bil-preskrizzjoni speċjali stabbilita bl-artikolu 3(3)(b) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-fatt kriminuz ġara fit-28 ta' Awwissu 2011 mentri t-taħrika jirriżulta li ġiet notifikata lill-imputat fil-11 ta' Marzu 2012, u ċioe' aktar wara mis-sitt xhur msemmija fil-paragrafu 3(3)(b) msemmi;

2. bit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant isostni taħt il-kliem tat-tieni parti tal-imputazzjoni e) huwa qatt ma seta' jiġi misjub ħati ta' reat taħt l-artikolu 15(1A) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi l-imputazzjoni e) tgħaffeġ iktar minn reat wieħed fl-istess imputazzjoni, tikkwota artikolu tal-liġi illi ma jeżistix, u tagħmilha diffiċli u anke impossibbli lill-imputat biex jagħraf taħt xiex jew għal xiex jinsab akkużat.

3. fit-**tielet aggravju** l-appellant jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel Qorti peress illi jsosnti li

(a) kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-aggravji tiegħu u jinstab ħati biss ta' dik il-parti mill-akkuża c), illi huwa ammetta, jirrileva li l-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 15(1A), illi huwa l-artikolu relattiv għall-ewwel parti ta'l-imputazzjoni c), jippreskrivi multa illi ma taqbiżx il-ħdax-il elf (*recte* elf), mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu, (€1164.69), iżda ma jsemmix minimu. L-iskwalifika tal-liċenzja taħt is-subartikolu (iii) (*recte* (3)) hija f'minimu ta' tmint (8) ijiem u ma tissemmiex skwalifika taħt is-subartikolu (1A) u in oltre li, skont is-subartikolu (iii) (*recte* (3)) ta'dak l-artikolu jippreskrivi illi l-iskwalifika trid issir fuq talba tal-prosekuzzjoni, liema talba ma saritx.
(b) kemm-il darba l-aggravji tiegħu ma jintlaqgħux u s-sentenza appellata tiġi konfermata, isostni illi l-piena pekunarja inflitta hija xi ftit għolja, tenut kont tal-mod kif ikkopera mal-pulizija, li huwa *first time offender*, tal-fatti illi

sawru dan ir-reat li ma hux il-każ fejn il-vettura ġiet misjuqa bi pjanċi foloz biex jiġi kkunsmat xi reat ieħor, u tenut kont ukoll illi bħala fatti dawn ġew ammessi mill-ewwel, tant illi l-imputat mill-ewwel ammetta l-iktar akkuża importanti u ċioe' dik fl-ewwel parti ta' l-ittra c), u jżid finalment iżda dwar l-iskwalifika illi huwa jaħdem bħala motor mechanic u jmexxi VRT station flirnkien ma' ħuh, u għaldaqstant, fejn is-sewqan hu mportanti f'xogħolu, il-perjodu ta' skwaliflka għandu jkun fil-mimimu tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**7.** Dwar **<u>l-ewwel aggravju</u>**. L-artikolu 3(3) tal-Kap. 104 jipprovdi kif ġej:

" Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir -

(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew

(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,
skont liema żmien minnhom ikun l-itwal."

**8.** Dwar dawn it-termini stabbiliti f'dan l-artikolu din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fil-kawża **Il-Pulizija v Carmelo Cassar**[1] ġia stabbiliet li l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju tal-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat; u b'hekk, anki wara li jkunu bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bil-kors taż-żmien stabbilit. Ġie wkoll ritenut f'dik is-sentenza li l-artikolu 3(1) imsemmi jidderoga għat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali, fuq il-preskrizzjoni, limitatament għall-istadju li jirrigwarda l-inizju tal-azzjoni kriminali, u mhux

[1] App. Krim. 8/1/1957, XLI.iv.1214

għal dak tal-kors tal-istess azzjoni b'tali mod li ż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, wara l-inizju tal-proċediment baqa' regolat bl-artikolu 683 - illum 688 - tal-Kodiċi Kriminali.

**9.** Jidher li ma hux kontestat li t-terminu ta' preskrizzjoni li jolqot l-inizju tal-azzjoni kriminali f'dan il-każ huwa dak previst fil-paragrafu (a) tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 104 u ċioe dak ta' sitt xhur, anki fid-dawl ta' dak li ġie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v Karl Bonnici**[2].

**10.** Fejn l-appellant ma jaqbilx mal-ewwel Qorti huwa fejn din irriteniet li għall-finijiet tal-artikolu 3(3) msemmi il-proċediment ta' llum "sar", fis-sens ta' dak is-subinċiż, meta ġew intavolati fir-reġistru tal-Qorti fil-5 ta' Settembru 2011 u ċioe' fid-data tal-preżentata fl-istess reġistru tat-taħrika kontra l-imputat bil-preżentata tat-taħrika fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati. L-appellant, minn naħa tiegħu, jsostni li l-proċediment għandu jiġi ritenut li "sar" man-notifika tat-taħrika lilu fil-11 ta' Marzu 2012 meta allura l-iniżju tal-azzjoni kienet ġia preskritta.

**11.** L-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju. It-termini previsti fl-artikolu 3, kif ġia ritenut fis-sentenza msemmia il-Pulizija v Carmelo Cassar, huma termini speċjali ta' preskrizzjoni li jolqtu l-inizju tal-azzjoni kriminali u sa daqstant - u mhux aktar minn daqstant - jidderogaw mir-regoli ġenerali tat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali. Il-preskrizzjoni tiġi kompjuta bis-sempliċi dekors taż-żmien sakemm dak id-dekorriment ta' żmien ma jiġix sospiż jew interrott skont il-liġi. Anki qabel l-emendi tal-2002 il-Kodiċi Kriminali kien ġia jipprovdi[3] li sabiex il-preskrizzjoni tiġi interrotta ma kienx biżżejjed il-preżentata ta' att tal-proċediment dwar il-fatt li għalih il-persuna tkun imputata jew akkużata iżda kien meħtieġ <u>in-notifika</u> ta' dak l-att ta'

---

[2] App. Krim. 4/6/2008

[3] Art. 693(1) tal-Kodiċi Kriminali

proċediment[4]. Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li għas-sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien ta' preskrizzjoni hi meħtieġa n-notifika tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża. Għalhekk, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-inizzju tal-azzjoni previst fl-artikolu 3 tal-Kap. 104 fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma ġiex interrott bil-preżentata tat-taħrika fil-5 ta' Settembru 2011 iżda biss bin-notifika tal-istess taħrika lill-appellant li jirrżulta li saret fil-11 ta' Marzu 2012 (riferta fol. 8), u ċioe' aktar minn sitt xhur mid-data li fih sar ir-reat allegat. L-azzjoni kriminali għar-reati bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 fit-tielet u fir-raba' imputazzoni markati (c) u (d) fit-taħrika hija għalhekk preskritta. Dan l-aggravju qiegħed għaldaqstant jiġi milqugħ.

**12.** **It-tieni aggravju** tal-appellant jolqot il-ħames imputazzjoni u l-appellant isostni li taħt il-kliem tat-tieni parti tal-imputazzjoni (e) huwa qatt ma seta' jiġi misjub ħati ta' reat taħt 1-artikolu 15(1A) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi l-imputazzjoni (e) tgħaffeġ iktar minn reat wieħed fi-istess imputazzjoni, tikkwota artikolu tal-liġi illi ma jeżistix, u tagħmilha diffiċli u anke impossibbli lill-imputat biex jagħraf taħt xiex jew għal xiex jinsab akkużat.

**13.** Jgħid sew l-appellant: din l-imputazzjoni, u ċioe' il-ħames imputazzjoni markata (e) fit-taħrika, hi tassew tgħaffiġa sħiħa tant li l-ewwel Qorti ġiet indotta, f'tentattiv sabiex tagħmel sens minnha, li taqa' f'kontradizzjoni li filwaqt li ma ssibx ħtija ta' ingredjent tar-reat dedott issib ħtija tal-ingredjent rimanenti tal-istess reat dedott. Sabiex setgħet issib ħtija taħt il-ħames imputazzjoni, iżda, l-ewwel Qorti kellha ssib pruvati l-ingredjenti kollha tal-istess imputazzjoni għaliex dik l-imputazzjoni kif formulata tattribwixxi lill-imputat reat wieħed b'diversi ingredjenti -- li kollha jridu jiġu pruvati għas-sejbien ta' ħtija taħt dik l-imputazzjoni -- u mhux diversi reati. L-ewwel Qorti ma setgħetx issib lill-imputat mhux ħati li saq vettura mingħajr liċenzja iżda imbgħad issibu ħati li saq l-istess vettura bla

[4] Salv sitwazzjonijiet partikolari li ma jagħmlux għall-każ odjern fosthom dawk previsti fl-artikolu 693(2)

numru tar-reġistrazzjoni. Dan għaliex ir-reat dedott hu li "mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan … jew mingħajr liċenzja tas-sewqan speċifika għal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-reġistrazzjoni". Dan ifisser li sabiex tinstab ħtija tar-reat dedott f'din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni kien jeħtiġilha tipprova (1) li l-imputat saq mingħajr liċenza tas-sewqan… jew mingħajr liċenzja tas-sewqan speċifika għal dik il-vettura **u** li saq dik il-vettura bla numru tar-reġistrazzjoni. Minflok, l-ewwel Qorti ma sabitx l-ewwel ingredjent iżda sabet biss it-tieni ingredjent meta għall-finijiet ta' ħtija ta' din l-imputazzjoni kien jeħtieg li l-Qorti ssib pruvati ż-żewġ ingredjenti. Ir-reat dedott fil-ħames imputazzjoni ma hux ir-reat previst fl-artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 peress li r-reat dedott jirrikjedi l-prova ta' elementi li ma humiex elementi tar-reat fl-artikolu msemmi. Dan l-aggravju wkoll ser għalhekk jiġi milqugħ.

**14.** Finalment, għar-rigward tat-**tielet aggravju** dwar il-piena, tenut kont tal-fatt li s-sentenza appellata ser tiġi mħassra f'dawk il-partijiet tagħha fejn sabet lill-appellant ħati ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni indikata bl-ittra (c) riferibilment għar-reat taħt il-Kap. 104, fejn sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni indikata bl-ittra (d) kif ukoll fejn sabitu ħati tat-tieni parti tal-ħames imputazzjoni indikata bl-ittra (e) din il-Qorti ser ukoll konsegwenzjalment tirriduċi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti, kemm għar-rigward tal-ammont tal-multa imposta kif ukoll għar-rigward tal-perjodu tal-iskwalifika mill-liċenżi tas-sewqan, filwaqt li tieħu in kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha invokati mill-appellant.

**15.** Qiegħed jiġi rilevat li tenut kont tal-fatt li l-appellant bħala konsegwenza tas-sentenza preżenti ser jinstab ħati biss tar-reat taħt l-artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 l-iskwalifika mill-liċenzi tas-sewqan kontemplata fis-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 15 imsemmi ma hix applikabbli fil-każ odjern peress li l-istess skwalifika ma hix kontemplata għar-reat taħt l-artikolu 15(1A) imsemmi. B'danakollu, hi applikabbli l-iskwalifika tal-liċenża prevista fl-artikolu 30(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali li jagħti lill-Qorti s-setgħa li, meta xi persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat kriminali li jkun sar bl-użu, fost affarkijiet oħra, ta' vettura li

biex tintuża tkun inħarġet jew tista tinħareġ liċenża, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, għal dak iż-żmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dik il-liċenza.

Għaldaqstant il-Qorti għall-motivi premessi tilqa' l-appell tal-appellant Alan Axiaq billi tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata u tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni indikata bl-ittra (c) riferibilment għar-reat taħt il-Kap. 104 u fejn sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni indikata bl-ittra (d), kif ukoll tħassarha fejn sabet lill-imputat appellant ħati tat-tieni parti tal-ħames imputazzjoni indikata bl-ittra (e), u b'hekk tilliberaħ interament mill-istess ħames imputazzjoni, kif ukoll tħassarha in kwantu għall-piena u minflok tikkundanna lill-appellant għall-piena tal-multa fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600) u tordna li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien xahar li jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' għada, u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------